*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 34**

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

Ryan Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**34.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

- Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-kunsill huwiex jinforma lir-residenti meta ser issir il-laqgħa għaliex kellu xi ilmenti li kien hemm xi nies li ma kienux infurmati.

  Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi apparti li qed tiġi ippublikata fuq facebook qeda ukoll fin-noticeboards tal-lokal apparti dik ta' ħdejn il-Kunsill għaliex giet ordnata u għadha ma waslitx.

  Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li nibdew naħsbu sabiex ngħamlu sistema ġdida tal-irekordjar tal-laqgħa fejn kulħadd jista jiltaqa fil-binja tal-Kunsill il-ġdid.

  Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser ikun qed ikellem il-persuna li ħdimna magħha fil-Kunsill l-ieħor ħalli naraw li ngħamlu sistema li tkun aħjar milli kellna fil-passat.

  Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jaqbel li nirritornaw għal laqgħat fil-Kunsill għaliex għalkemm kif qed ngħamlu fil-prezent jiġifieri online qed ninqdew tajjeb xorta apparti meta taffaċja ċertu diffikultajiet ta' kkonetjar tal-internet eċċ fejn tagħmel ċertu diskussjonijiet diffiċli.

  Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din is-sistema kienet toffri mezz tajjeb ħafna biex l-iskrivani jkunu jistgħu jiktbu l-minuti bl-aħjar mod possibli u għalhekk irridu nkunu ċerti li bis-sistema l-ġdida ikollna l-istess effiċjenza.

  Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet illi jkun tajjeb jekk ikun hemm l-opzjoni li min irid jistgħa jagħmel il-laqgħa mid-dar u min irid jista jkun prezenti.

  Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser jitkellem mat-tekniku biex insibu l-aħjar sistema possibli.

  Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal ukoll illi qed naħdmu fuq sistema tat-telefon fejn tgħina nilħqu aktar telefonati mill-Pubbliku.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu kuntent ħafna illi lbieraħ kien hemm messaġġ pozittiv ħafna min naħa tal-Prim Ministru fejn qal illi l-art taz-Zonqor ser terġgħa tingħata lura lil Iskalin u jkun hemm estensjoni għal Park tal-inwadar. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi meta fil-bidu kien hemm propost l-Universita' kien hemm il-maġġoranza tal-Kunsilliera li kienu favur dan il-proġett mill-leġislatura preċedenti pero kien hemm ċertu kundizzjonijiet li semmejna għaliex ridna embellishment in-naħa taz-Zonqor u ridna li tikber naqa l-ekonomija. Izda meta irrizulta li tnejn minn ħamsa tal-proġett kien sejjer il-Kottonera hu kien l-ewwel wieħed li qal li ma kienx għadu favur il-proġett għax zgur li ma konniex ser naqblu ma xi applikazzjoni ta` xi dormitorji. Parti mir-raġuni għaliex konna aċċetajna l-proġett kienet illi kienu ser isiru sports facilities li kienu ser igawdu minnhom ir-residenti. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi meta mbagħad l-eks Priministru s-Sur Joseph Muscat kien qal illi jekk l-Universita' fil-Kottonera ma tifjorixxix il-proġċett taz-Zonqor kien ser jaqa u aħna kollha konna nafu li l-proġett fil-Kottonera ma tantx għamel suċċess u allura din l-aħbar konna qed nistennewha Is-Sindku qal illi hawn ċertu nies li qed jgħidu illi din l-art mhux vera ser tingħata lura lill-Popolin pero hu jaf fiċ-ċerti illi t-tisbieħ li ser isir u hemmhekk ser ngħatu prijorita l-Ambjent. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal hu ta' l-opinjoni li noħorġu stqarrija jekk il-Kunsilliera jaqblu miegħu u jaħseb li huwa tajjeb għal Gvern ukoll fejn nuru li aħna ma nikritikawx biss u ngħidu grazzi u hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kitbu diġa xi ħaġa li ser jaqra lill-Kunsilliera u min jixtieq jibdel xi ħaġa jista jagħmel dan.

  Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet li hi taqbel.

  Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk din hux ser niddiskutuwa qabel ma nibdew

Il-laqgħa. Hu qal illi hu qed jieħu ħafna gost għaliex kemm hu kif ukoll xi Kunsilliera oħra mill-leġislatura preċedenti ma qablux magħha u dawk li qablu magħha kellu jkollhom il-fibra li jgħidu mill-ewwel li ma riduwix. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk il-Kunsill ser jgħid grazzi li tajilna lura ma jsibx problema biex jagħmel dan pero għandha tkun ukoll fil-kuntest li din l-art ser tittieħed minn Sadeen biex tingħata lura lil Iskalin u mhux xi kuntrattur ieħor.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja beda jaqra dak li kiteb hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kitbu:

*Il-Kunsill ta' Marsaskala jilqa b'sodisfazzjon d-dikjarazzjoni tal-Prim Ministru li l-art taz-Zonqor li kienet maħsuba għal proġett tal-Universita' Amerikana tingħata lura lin-nies b'mod partikolari lil dawk ir-residenti Skalizi. Filwaqt li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala dejjem fehem il-ħtieġa li l-pajjiz jattira investiment u joħloq ix-xogħol jinnota li d-deċizjoni mħabbra mill-Prim Ministru ittieħdet ukoll fid-dawl tal-prijorita' ambjentali ġdida li għandu l-pajjiz.*

*Flimkien mall-proġett tal-inwadar li qed isir fl-istess zona u li b'dak imħabbar fil-budget ser ikun akbar min dak pjanat iz-zona ser tieħu ħajja ġdida bl-ammont kbir ta siġar b'rispett lejn l-ambjent din deċizjoni f'waqta u għaqlija li bħala popolin Skaliz ilqajna b'sodisfazzjon.*

Is-Sindku qal illi hu ma għamilx *U turns* izda fil-bidu vera kien jaqbel ma dan il-proġett pero meta wara rrizulta li l-parti kbira tal progett ma kinitx ser issir fil-Lokal tagħna hemmhekk ma aċċettax u b'din il-press release qed ngħidu li nisperaw li din tkun biex inkabru izjed iz-zona tal-Inwadar u qed ikun korrett mingħajr ma jipolitiċizza xejn u jemmen li din qed ngħidu biss grazzi u din qed toħroġ mill-Kunsill kollu, is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb ukoll illi naqbzu għal kumitat tal-waterpolo peres illi anke dan il-proġett li kien maħsub lki jsir fi Triq is-Salini mhux ser isiru hu tal-ideja li niddiskuru l-fatt li jiġi flok l-eks pixxina nazzjonali.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice qalet li kienet tevita l-parti fejn hemm mnizzel li l-Kunsill kien qabel sabiex jattira investiment u joħloq ix-xogħol minħabba l-fatt li din id-deċizjoni kienet ittieħdet mil leġislazzjoni preċedenti u mhux min dik li hawn fil-prezent.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jappoġja x'qed tgħid il-Viċi Sindku għaliex hemm min hu fil-Kunsill illum li ma kienx hemm dak iz-zmien u apparti min hekk qal illi hu jzid li l-fattur tal-pixxina anke f'din l-istqarrija għaliex nafu li l-Gvern kellu allokat amont sostanzjali ta' flus li issir jistgħa jinvesti sabiex intejbu l-area tal-eks pixxina u nġibuha għall-istandards tal-lum il-ġurnata. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jixtieq izid dan li ġej:

*Għaldaqstant il-Kunsill jesiġi illi dik iz-zona tiġi imsebbħa kif ukoll isiru water sports facilities fejn għandhom jinstabu l-fondi neċessarji biex tiġi upgraded din l-area.*

Kien hemm qbil li s-Segretarju Ezekuttiv jgħamel draft ta din l-istqarrija fejn wara li jiġi approvat mill-Kunsilliera jkun jistgħa jintbgħat lill mezzi tax-xandir.

**34.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 33 li saret Nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar 2021:</u>***

**34.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 33.2.2.4 it-tlettax il-paragrafu fejn ġie kif ġej:

*"Is-Sindku qal li l-kelma konċezzjoni forsi qarqet ftit bih peress li ma kienx jaf ezatt id-definizzjoni tagħha u issa sar jaf li din tfisser illi l-proġett jingħata l-privat. Għaldaqstant min-naħa tal-Kunsill naqblu li jekk isir xi tisbieħ isir min-naħa tal-Gvern. Huwa tal-idea li l-mozzjoni tinbidel u hemm bżonn ngħidulhom xi irridu u x'ma irridux. Huwa qal li irridu ngħidulhom xi protestaw għalih in-nies."*

**34.2.1.1** John pagna 4 artiklu 33.2.2.4 paragarfu 10 għandu jiġi kif ġej:

*Is-Sindku qal illi għalhekk hemm bżonn li nibdlu l-mozzjoni.*

**34.2.1.2** Is-Sindku qal illi paġna 4 artiklu 33.2.2.4 paragrafu 9 għandu jiġi kif ġej:

*"Is-Sindku wieġbu li l-Ministru mhux hekk qal u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri rega saħaq illi hekk qal."*

**34.2.1.3** Is-Sindku qal illi paġna 4 artiklu 33.2.2.4 paragrafu 18 għandu jiġi kif ġej:

*"Is-Sindku qal li huwa ma jaħsibx li xi bidder ser jiġi u jirrenġa l-irmiġġi biss."*

***Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati bħala dokument korrett u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ssekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**34.2.2** **<u>Matter Arising tal-laqgħa 33 li saret Nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar 2022:</u>**

**34.2.2.1** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 33.2.2.1 qal illi hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud għaliex il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri ma setgħax jattendi kellhom laqgħa tajba ħafna ma Dr Young u zewġ Periti oħra fejn irrizulta illi kien hemm xi ħaġa fin-naħa tal-parkeġġ tal-iskola illi ma qablitx mal-pjanti u kien hemm bzonn li jsiru xi arranġamenti min naħa tal-PA u issa qed jistennew il-permess tal-PA u wara dan inkunu nistgħu nutilizzaw il-parkeġġ wara li jiġi iffirmat l-MOU .

**34.2.2.2** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 32.2.2.3 fejn il-Kunsill qed joffri sistema ġdida fejn kull Nhar ta' Tnejn filgħodu qed ngħatu l-boroz grizi lil dawk li jiġu bl-ID *card* u għal dawk li ma jleħqux dak il-ħin jistgħu jibgħatu lil xi ħadd jiġborhom għalihom basta bl-ID *card* tal-persuna.

**34.2.2.3** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 32.2.2.5 fejn bħal ma jaf kulħadd parti mill-binja tal-Kunsill ingħatat b'kera lill Health Department sabiex setgħa jsir il-Community Clinic fejn għandhu jinfetaħ għal Pubbliku fit-23 ta' Frar 2022 wara li jsiru l-aġġustamenti forshom irid jitwessa bieb sabiex ikun aċċessibli għal wheelchair u hemm xi affarijiet oħra li qed isiru, hu qal illi kellu laqgħa mas-Sinjura Roseanne Camilleri min naħa tal-Health kif ukoll mal-Perit tal-Kunsill u jidher li x-xogħol miexi tajjeb.

**34.2.2.4** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 8 artiklu 33.7.2 fejn qal illi min naħa tiegħu bgħat id-dokumenti u ritratti li kellhom bzonn.

**34.2.2.5** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 7 artiklu 33.3.7 qal illi għandu informazzjoni mingħand grupp tal-armar fejn offrewwlna li jagħmlu x-xogħol huma wara konsultazzjoni mal-Perit biex l-arblu li ser nieħdu npoġġuh fuq il-bejt u l-Kunsill irid biss jixtri l-materjal u jgħamlulna x-xogħol huma u ta' dan ngħidulhom grazzi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi t-tlett arbli li kellna quddiem il-Kunsill l-antik ser jinqalgħu jingħataw maintenance u magħhom ser inzidu tnejn oħra biex anke nagħmlu l-bandiera li ġab il-Kunsill is-Sur Charlot Mifsud tar-Reġjun Nofsinhar.

Għalhekk issa ser ikun hemm il-bandiera ta' Malta,tal-Ewropa,tal-Kunsill Lokali,tar-Reġjun Nofsinhar u tal-Presidenza tad-Douzelage. Is-Sindku qal illi l-ħaddied tal-Kunsill ser joħroġ p-o biex isir dan ix-xogħol.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi tajjeb li dan il-kuntrattur jinfurmana b'kemm ser tiġi tiswa kull biċċa xogħol li jkun ser jgħamel.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu infurmah li l-arbli jiswew Eur 77 u ser ikollu bzonn cherry picker u jġib xi makkinarju biex jinqalgħu u qal illi dan il-persuna dejjem jieħu gost li jiffrankalna l-flus u dejjem kien sinċier u jgħamel xogħol tajjeb ħafna pero jekk il-Kunsillier Mifsud irid li jtina stima qabel kull biċċa xogħol nistgħu nagħmlu dan.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hu jaf li dejjem għamel xogħolu sew.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal anke għamel xogħol tajjeb ħafna fil-librerija.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaf kemm dan il-kuntrattur jagħmel xogħol tajjeb u tajjeb li nirringrazzjawh tax-xogħol li jgħamel pero jifhem il-punt tal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u hekk nkunu aktar korretti jekk nkunu nafu kemm ser jiswina min qabel.

**34.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 32.2.2.5 fuq il-Community Clinic u qal illi hu ma jaqbilx li l-klinika tinfetaħ qabel ma jkun hemm id-dawl mgħoddi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mhux ser jistennew lilna biex inġibu l-coompliance.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa kif ser iġibu d-dawl.

Is-Sindku qal illi ser iġibu d-dawl għalihom billi kienu ser jaħdmu fuq it-temporanju wkoll.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-applikazzjoni tad-dawl hija waħda għaliex qeda fuq permess wieħed hemm ma tistgħax toħroġ compliance separat u dan huma infurmati bih irid joħroġ il-compliance wara li tinħareġ il-clearance tac-CRPD.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi lanqas li l-Kunsill qed jaħdem fuq extension ma jaqbel għaliex din qeda ta periklu, u mhux jerfa l-ebda responsabilita li d-dawl jittieħed mill-kaxxa ezistenti u qed jiddikjara pubblikament.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk il-wire li hemm huwiex perikoluz.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu perikoluz u ma jerfgħax responsabbilita' tiegħu għaliex dak kien b'isolator u xi ħadd qabdu dirett mal-main u ma hemmx minfejn titfi u għandu jitneħħa immedjatament.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal tajjeb li niktbu uffiċjalment lill Health Department u jekk hemm il-periklu tajjeb naraw x'nistgħu ngħamlu.

- ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar ħareġ mil-laqgħa fis-7:00pm.***

**34.2.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri paġna 6 artiklu 33.3.1 fejn qal illi fuq Ġnien Sant Anna l-Kuntrattur Nexos beda jistabilixxi x'wiring jista jintuza sabiex nuzaw low lighters sabiex ma jsirux aktar trinek jew jinqala aktar madum u rigward Triq iz-Zonqor fejn hemm hu qal illi l-Kuntrattur Catbros gab l-inġenji sabiex jibda x-xogħol pero imbgħad inqalatlu xi ħaġa personali u kellu jieqaf mix-xogħol pero hu jaf x'għandu jgħamel u qed jittama illi la darba jikkalmaw l-affarijiet ix-xogħol ikun jistgħa jibda.

**34.2.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi xtaq jirrimarka illi l-grupp tal-Waterpolo f'Marsaskala jismu Marsaskala Aquatic biex jekk ser tinkiteb xi korrispondenza nkunu nafu ezatt kif irridu nsejħulu.

**34.2.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kellha issir laqgħa mal-Enemalta mac-CEO il-ġdid u hemm ħafna affarijiet x'wieħed irid jiddiskuti miegħu.

**34.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal 33.3.4 biex tittranġa il-parti fejn hemm l-isleeping policeman fi Triq La Sengle u ilu jgħid zmien biex titranġa.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi iltaqa l-kuntrattur flimkien mal-projects manager marru fuq il-post u għandu jibda x-xogħol.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ser isir biss resurfacing pero hemmhekk hemm bzonn li TM jirranġaw it-triq mill-pedament.

**34.3 <u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

**34.3.1 <u>Urban Greening Scheme 2022 (35/0587/22/O):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi reġgħet ġiet imnedija l-Urban Greening Scheme u l-Kunsill huwa eliġibli u ser tagħlaq fit -28 ta' Frar 2022 pero bħala Kunsill konna diġa qbilna li nagħmlu z-zona ta taħt il-kjnisja fejn hemm dak il-blat u kien hemm persuna li għandu BOQ's pjanti u xogħol kollu li dan jiġi jiswa €60,000 minħabba li għandna ftit zmien tajjeb li jekk taqblu fuqu nipproċedu minnufih.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan kien proġett li qbilna fuqu diġa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi huwa proġett interessanti u nipprovaw nagħmluh.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk hux bilfors irridu nuzaw dik il-biċċa tal-blat u jekk ma nagħmluwix nitilfu xi fondi.

Segretarju Ezekuttiv qal għadna fil-fazi ta' applikazzjoni u għalhekk għad m'għandiex fondi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dak iz-zmien ma konniex komplejna għaliex kienu ser jittiħedu mid-development funds għalhekk waqqafniha.

Kien hemm qbil li napplikaw.

**34.3.2 <u>Iljieli Skalizi lejliet il-festa tar-raħal (35/0534/22/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi bħal ma għamel il-Kunsill fi snin preċedenti ser ikun qed jikollabora mall-Għaqda nar u jalloka ammont ta' flus għall attivitajiet f'din il-ġurnata.

**34.4 <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Ma kien hemmx l-ebda mistoqsija.

**34.5 <u>Rapporti:</u>**

**34.5.1 Rapport ta' kull kwart mill- 1 ta' Jannar sa l-aħħar ta' Diċembru 2021 (Quarter 4):**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega r-rapport ta' Kull kwart.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart u l-Kunsillier Il-Perit Dr John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**34.5.2 Financial Statement 2021:**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-aġġustamenti tal-awdituri.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud ppproponiet l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

- ***Il-Perit Mr John Schembri ħareġ mil laqgħa fis-7:37pm.***

**34.6 Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

**34.7 Korrispondenza:**

**34.7.1 PA Application PA/00454/22 (35/0475/22/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din hija applikazzjoni fejn kienet ġiet diskussa diġa fejn ħafna mill-Kunsilliera ma kienux qablu magħha għalhekk min naħa tiegħu f'isem il-Kunsill tefa oġġezzjoni u r-riserva d-dritt li ndaħħlu aktar kummenti aktar il-quddiem u għalhekk qed jerġgħa jipprezenta din il-komunikazzjoni quddiem il-Kunsill biex jekk hawn xi ħadd li jixtieq izid xi affarijiet tekniċi għaliex il-Kunsill oġġezzjona għal din l-applikazzjoni għandu jgħamel dan issa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi waħda mill-affarijiet inkwetanti f'dan il-pajjiz hija l-fatt li din l-applikazzjoni twaħlet u wara siegħa tneħħiet min postha hu qal illi innota dan għamel rapport kif ukoll daħħal oġġezzjoni hu personali bħala resident, hu qal illi din l-applikazzjoni hija għal zona ODZ fejn jidher li ser isiru xi stalel u anke kmamar oħra f'din iz-zona fejn sa issa ma hemm l-ebda zvilupp.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi mingħajr ma jidħol f'ħafna dettal jidher li hawn ħafna min qed juza dan il-metodu biex eventwalment jasal jagħmel proġetti ħafna akbar milli jkun mistenni u għalhekk għandna noġġezzjonaw ghaliha.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi irridu naraw l-applikazzjoni fiex tikkonsisiti għaliex jekk l-istrutturi ma jkunux permanenti hemmhekk il-PA ittih permess.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma ra mkien fejn jindika li dawn l-istrutturi huma tal-injam u jistaw jitmexxew.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi jekk naraw l-applikazzjoni online għandu jkun hemm indikat ċar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm ħafna raġunijiet għaliex il-Kunsill għandu joġġezzjona fosthom il-fatt li l-area hija ODZ ser ikollha impatt viziv negattiv u ser toħloq preċedent fost l-affarijiet l-oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li joġġezzjona għal darb'oħra.

**34.7.2 Stimi nar kaxxa tal-baħar (35/0782/22/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan il-punt ikompli ma punt numru 34.3.2 u qal illi fit-2019 il-Kunsill kien ikkolabora mal-grupp tan-nar u għalhekk qed jerġgħaw jitolbu li ssir l-istess din is-sena bgħatu anke stima li hija tal-istess ammont li kienet fl-2019 u dan l-avveniment ser ikun kopert b'polza ta' assigurazzjoni.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din hija attivita konġunta bejn il-Kunsill u l-Grupp tan-nar.

Kien hemm qbil unanimu.

**34.7.3 Damages on car (35/0496/22/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għandna rapport ta' ħsarat li ġarbet persuna fi Triq l-Iskal minħabba ħofra li kien hemm.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din tranġat.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi qed ikollna problema għaliex dawkli għandhom it-tyres low profile u jidħlu f'ħofra li anke ma tkunx tant fonda jispiċċaw iġarbu ħsarat.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi anke jekk dak hu l-fatt il-persuna ser targumenta illi kieku ma kinex hemm ħofor dan ma kienx iseħħ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi apparti min hekk jekk it-tyre ma jkunx minfuħ sew u tgħaddi min ħofra bħal din ma jkunx jiflaħ għal;iha u aħna ma nkunux nafuh min hawn dan perso nofs il-kaorzzi f'Malta m'għandhom it-tyres minfuħin kemm suppost u għalhekk aħna qed nispiċċaw nħalsu anke għal xi ħaġa li m'għaniex kontroll fuqha. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi apparti min hekk trid tara b'kemm veloċita kien għaddej f'din it-triq ma kellux ikun qed isuq aktar min 30km/h għaliex qiegħed fi triq residenzjali.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn huma fatturi li aħna ma nistgħux inkunu nafu pero aħna bħala Kunsill dejjem nipprovaw ngħamlu patching kemm nistgħu.

Kien hemm qbil li ngħatu 70% tal-ammont globali.

**34.7.4 Risposta mill-Kunsill Lokali fir-rigward tal-proposta tal-Marina f'Marsaskala (35/0504/22/O):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kellu acknowledgement fuq it-telefon mis-Segretarja tac-CEO tat-TM pero xejn bil-miktub minkejja li bagħat reminder lill-Ministru kif ukoll lic-CEO.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Ministru illum ikkonferma dak li qed ngħidu aħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li nkunu ċerti li rċivewa minħabba dak li ġara diġa fejn konna bgħatna email u qalilna li qatt ma rċieva xejn.

**34.7.5 Agreement between Infrastructure Malta and the Marsaskala Local Council (35/0494/22/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din il-korrispondenza intbgħatet min Infrastructure Malta fejn saqsew għal permess sabiex issir mgħodija fl-għelieqi fejn il-Kunsill approva.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk qatt kien hemm skemi fuq ħitan tas-sejjieħ għaliex diversi bdiewa saqsewh.
Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kien hemm entita għal dan pero bħalissa ma hemmx skemi għalih.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri saqsa jekk dawn ikunux għal għelieqi privati.

Is-Sindku qal illi ijwa ġieli kien hemm għal għeliqi privati pero dejjem trid tikkomunika mas-sid qabel isir dan.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi filfrattemp waqt li qed issir il-laqgħa tal-Kunsill jidher li fuq il-medja għaddjien kummenti mal-Ministru u l-Prim Ministru rigward il-Marina fejn mill-ewwel daqqa t'għajn jidhru pozittivi imma tajjeb li nitkellmu fuqhom fil-laqgħa li jmiss.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi Infrastructure Malta bdiet tgħamel kuntratti mall-Kunsill meta jkun hemm toroq li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħna u tgħamilhom hi bħala entita' u minkejja li jkunu qed jgħamlu dan ix-xogħol ir-reponsabilita' tkun xorta tal-Kunsill u dan b'garanzija ta 5 snin biex jekk ikun hemm ħsarat f'dawn il-ħames snin ikunu jisgħu jirranġaw li jkun hemm bzonn pero il-biċċa triq li hija pjanata li ssir hija Triq id-Daħla ta' San Tumas li ser issir kollha fejn ser tibqa nizla sa ħdejn l-impjant. Is-Segretarju Ezekuttiv qal waħda mil-affarijiet li jixtieq jikkument hu li tajjeb jittieħed ritratt tal-marki tat toroq biex meta terġgħa issir it-triq ikollha ritratt ta' x'kien hemm diġa.

Is-Sindku qal illi Infrastructure Malta qed tgħazel li ma tgħamilx yellow lines fit-toroq il-ġodda.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan għaliex il-liġi ta' Malta tgħid li ħadd ma jista jagħmel ostruzzjoni ta dħul jew ħruġ u jekk ser jipparkja quddiem garaxx u tkun fil-karozza tista tagħmel dan għaliex il-parkeġġ ta quddiem il-garaxx mhuwiex privat.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-ħazin hija meta persuna tkun irresponsabli li titfa l-karozza quddiem garaxx għal tul ta' ħin jew mal-lejl pero jekk tkun fil-viċinanzi u tħalliha quddiem garaxx b'numru tat-telefon jew għal ftit ħin mintix ser tiġi mħarrek.

**34.7.6** **<u>Quote Website:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi qed jerġgħa jgħaddi din il-korrispondenza biex jara jekk il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri għandux ċans sabiex jififnalizza din il-website.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi fil-prezent hija impossibli li jsib il-ħin għaliha, hu qal illi hu min naħa tiegħu ħadem fuqha u 90% hija lesta fl-ewwel sena li kien daħal fil-Kunsill u issa m'għandux ċans.

Is-Segeretarju Ezekuttiv qal illi problema l-oħra hi li din il-website irid ikun hemm xi ħadd waraja biex jekk ikollna problema nistgħu nirrikorru għal din l-għajnuna u jaf kemm Dr Camilleri huwa persuna b'ħafna impenji.

Dr Patrick Camilleri qal jistgħa jagħllimna kif taħdem aktar il-quddiem pero mhux bħalissa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill għandu l-website tal-Gvern u nistgħu nistennew.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**34.7.7** **Servizz offrut mill-uffiċjal tal-komunita għat-trattament xieraq tal-annimali (35/0407/22/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon għandha tiltaqa mas-Segretarju tar-Reġjun Nofsinhar fuq dan is-suġġett.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bħalissa dieħlin ic-CVB's għal din il-pozizzjoni.

**34.7.8** **Attivitajiet għal zmien il-għid mill-Kunsill reġjonali tan-Nofsinhar:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill applika għal fondi għal attivitajiet li ser isiru għal zmien il-għid lir-Reġjun Nofsinhar u hemm sa massimu ta €5000 x'jista jieħu kull Kunsill.

**34.7.9** **Damages on car:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din hi tappiera tad-drainage department.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb nirreferuh għalihom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi qed tisfronda l-bazi tal-kaptella u t-triq sfrundat għalhekk u anke jekk ngħamlu patching il-problema qeda fil-pedament u l-knatan li jkun mibni fuqhom ikunu nqassmu u għalhekk ma jħossx li l-Kunsill għandu jerfa din ir-responsabbilita'.

Kien hemm qbil unanimu.

**34.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**34.8.1** Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-Petty Cash ta' Diċembru/Jannar 2021.

**34.8.2** Is-Segertarju Ezekuttiv ipprezenta pagamenti li daħlu tard:

Ofici- cartridges - 08/02/22-Inv 122300-22I- €80
Golden gate- Stationery -11/02/22 – Inv 592099 - €35
Lesa-10% administration fee-03/02/22-INV-LESA-22-000067 -€10.48
Gramm Plant hire & Waste serv- 14/02/22 -Inv MKLC001 -Open tyre skip for mixed waste at Mskala playing field- €118

**34.8.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi Friends of Marsaskala ser jgħamlu attivita sabiex issir training biex l-Ghaqdiet u setturi ta' nies u NGO's ikunu mistiednin biex jieħdu idea ta' kif taħdem id-difibrilator hu qal illi l-pjan hu li issir fis-sala tal-Kappillan jekk il-Kunsill ikun jista jilqa n-nies il-Kunsill tkun xi ħaġa sabiħa pero ma jafx kemm nistgħu nilqagħu dawn l-ammont ta' nies id-data tentattiva hija 28 ta' Marzu 2022. Għalhekk ser nistennew din l-email u ninfurmaw lill Għaqdiet tal-Lokal biex jibgħatu zewġ rapprezentanti min dawn l-għaqdiet.

**34.8.4** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal il-Kunsill kien qabel li nimlew bil-ħamrija il-funtana ta Charles Clews.

Il-Viċi Sindku staqsi jekk tistax tiġi restawrata u taħdem kif kienet għaliex ħa toħroġ skema fejn il-Kunsill jistgħa japplika u jsir restawr tal-funtani fil-lokal u għalhekk tajjeb li napplikaw.

Is-Sindku qal illi s-Sibt li għadda l-ħaddied tal-Kunsill flimkien mall-ħaddiem Aldo Grech għamlu nofstanhar is sibt jaħdmu fuqha u meta provaw jixgħeluha kien hemm problema f'xi pipijiet u ser nerġgħu nħaddmuha u ngħatu l-aħħar tentattiv.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk hux ser isir manutenzjoni fuq il-funtana ta' Ġnien Sant'Anna għaliex ilha snin wieqfa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-funtana ta Ġnien Sant Anna għanda l-pipijiet li jridu jinbidlu u l-pompa li trid tinbidel.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi diġa qalet illi jekk nagħtu il-BOQ's u napplikaw għall-iskema m'għaniex ma nieħdux il-fondi biex tittranġa din il-funtana.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**34.9** ***Mozzjonijiet:***

**34.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (088-9/2/22):</u>**

*"Jipproponi sabiex Triq il-Qaliet kollha izda speċjalment in-naħa ta bejn Villa Sant'Anna u Triq tal- Gardiel tinzebaħ l-art kemm jistgħa jkun malajr u perjodikament sabbiex jitnaqqas il-periklu. Din il-ġimgħa erġajna kien hemm inċident serju ieħor fejn inqalbet karrozza u tkissru xi ħamsa ohra. Din hija it-tieni karrozza li inqalbet dawn l-aħħar xhur.''*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fi zmien xahrejn sar it-tieni inċident ta' karozza waqt li kienet ġejja min qaliet għal san tumas li nqelbet u ħabtet ħames karozzi oħra għaliex it-triq tidjieq u jipparkjaw il-karozzi u jista jkun li mal-lejl ma jindunawx u jidħlu fil-karozzi l-oħra hu qal illi l-linji ta' ma l-art għadhom ma sarux jew inkella iċċaraw u fejn qed jindinkaw hu it-triq tidjieq u l-marki ma l-art iridu jindikaw dan.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal dawn il-marki jsiru mill-ħaddiem tal-Kunsill pero jekk nixtiequ xi ħaġa aktar professjonali nqabbdu lill-kuntrattur u anke jsiru tabelli li hemm bzonn, hu qal illi l-humps huma l-aktar ħaġa li taħdem pero ħadd ma jridhom wara biebu.

Kien hemm qbil li nqabbdu l-koptasin jew ħaddiem tal-Kunsill sabiex jgħamel iz-zeba ta' l-art u nordnaw it-tabelli.

**34.9.2** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (089-9/2/22):</u>**

*"Jipproponi li il-Bus stop 'Il-Magħluq' li kien hemm fi Triq il-Qaliet quddiem ftit l-isfel min Triq il-Vajrita lejn il-Magħluq.''*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi min ikun nizel in-nizla qabel Triq il-Kavallieri kien hemm bus stop li qatt ma ġie lura wara li saret it-triq mill-ġdid.

Kien hemm qbil li nkellmu lis-Sur Ivan Vella

**34.9.3** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (090-9/2/22):</u>**

"Jipproponi li il-Kunsill jieħu deċizjoni malajr kif ha nikkonvinċu lil Infrastructure Malta jew Enemalta sabiex jkun installat dawl ġdid fi Triq ġdida li saret fejn Triq De Venome u biċċa ġdida fi Triq il-Vjola.''

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed issir prassi illi it-triq li issir min Infrastructure Malta ma jsirilix id-dawl u dan diġa ġara fi triq oħra u irridu naraw min ser jerfa responsabilita' u jekk qed tgħamel triq ġdida ma tistgħax issir bla dawl.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li jitkellem fuqha meta ser ikollu l-laqgħa mal-ARMS pero hu kellimhom diġa fuq ir-road markings u qed jaqblu fuqha fuq Triq Philippe de Vendome.

**34.9.4** **<u>Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (091-15/2/22):</u>**

*"Jipproponi li kemm jista jkun malajr u qabel ma jsir xi inċident fi Triq San Gorġ ninstallaw xi tip ta' trunking bħal rubber humped ducting biex is-sajjieda jkunu jistgħu jagħddu l-wires tad-dawl mill-kaxxa lejn lis-slipway. Peress li hemm ix-xogħol għaddej min Infrastructure Malta qed jgħaddu ħafna trakkijiet bil-konsegwenza li issir ħsara l-wires tad-dawl.''*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi Triq San Ġorġ hemm supply pilalr biex is-sajjieda juzaw id-dawl biex jgħmlu manutenzjoni fuq id-dgħajjes li ġieli anke jkun hemm sa erba wires għaddejien bħalissa għaddej ix-xogħol u jidħlu u joħorġu ħafna trakkijiet li jgħaddu min fuq dawn il-wires fejn diġa kien hemm inċident u x-xogħolijiet fadlilhom sakemm jitlestew għalhekk hu qed jipproponi li jsir humps tal-lakstu fuq dawn il-wires biex ikunu protetti

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsit jekk din l-istruttura tinqgħalax għaliex jekk iva iridu naraw min ser ikun il-persuna inkarigata li tneħħija u tpoġġija lura f'postha.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm zewg opzjonijiet waħda li jitħaffer culvert ma l-art u jkollu għatu u jgħaddu cables li hemm bzonn pero jekk ma nħossux li ngħamluha nmorru għal tranking tal-lakstu u din xi ħaġa li trid tibqa hemm permanenti u terfa l-piz tat-trakkijiet u inġenji.

Kien hemm qbil li jmorru fuq il-post u jiddiskutu mall-Kuntrattur.

**34.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu 2022 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 24 ta' Jannar 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________ | ______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |